MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru 10/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Glen Pullicino**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Glen Pullicino, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sbatax (17) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta' filghaxija (5.45 pm) Glen Pullicino, li dak iz-zmien kellu hmistax-il sena, kien fi Triq Dragonara, San Giljan vicin karozza Peugeot ipparkjata hdejn il-Bamboo Bar li fiha kien hemm xi tfal zghar, inkluz trabi. Illi l-istess Glen Pullicino kien ghadu kif hareg mill-istess bar flimkien ma xi hbieb ohra tieghu. Illi l-genituri tat-tfal malli raw lil dawn iz-zaghzagh jingabru hdejn il-karozza inkwetaw u

qalulhom biex jitilqu. Illi nqala argument u Francis Farrugia u Brian Tabone sabu ruhhom fi glieda.
Illi waqt din il-glieda Glen Pullicino kellu fil-pussess illegali tieghu mus u ta daqqa lil Brian Tabone f'parti vitali ta' gismu dolozament bil-hsieb li joqtol lill-istess Brian Tabone u fil-fatt qatlu. Illi wara harab minn fuq il-post.
Illi b'eghmilu l-imsemmi Glen Pullicno sar hati ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew iqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Glen Pullicino hati ta' omicidju volontarju cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew iqieghed il-hajja taghha f'periklu car ikkagunalha l-mewt.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn tletin sena u mhux anqas minn sebgha snin skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 211(1)(2), 37 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap. illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap. tal-Att ta' l-Akkuza w cioe' fis-17 ta' Marzu, 2002 ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta' filghaxija (5.45 pm) fi Triq Dragonara, San Giljan waqt li Glen Pullicino kien qieghed illegalment jiggieled ma persuni ohra, u anke xi zmien qabel, l-istess Glen Pullicino kellu fil-pussess tieghu mus minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Glen Pullicino sar hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Glen Pullicino hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' multa ta' mhux

izjed minn hamsin lira jew prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur u ghall-konfiska tal-arma skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 13(1) u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati moghti fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2004, li bih b’ sitt voti favur u bi tlitt voti kontra, sabu lil Glen Pullicino mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att tal-akkuza , izda hati li kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Brian Tabone li biha grat il-mewt tal-istess Brian Tabone minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza w mhux ghal xi kawza accidentali li inqalghet wara w li grat fi zmien erbghin gurnata, izda b’ dan li r-reat hu skuzabbli ghaliex, ghalkemm hu agixxa minhabba il-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu , hareg barra mill-limiti mposti mill-ligi jew mill-awtorita’ jew mill-bzonn kif ukoll li bih b’ sitt voti favur u bi tlitt voti kontra sabu lil Glen Pullicino hati skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara lil Glen Pullicino hati li fis-sbatax (17) ta’ Marzu, tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta’ filghaxija (5.45 pm) fi Triq Dragonara, San Giljan, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Brian Tabone li biha grat il-mewt tal-istess Brian Tabone minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza w mhux ghal xi kawza accidentali li inqalghet wara w li grat fi zmien erbghin gurnata, izda b’ dan li r-reat hu skuzabbli ghaliex, ghalkemm hu agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu , hareg barra mill-limiti imposti mill-ligi jew mill-awtorita’ jew mill-bzonn .

Tiddikjara ukoll lil Glen Pullicino hati talli fl-istess jum , hin u lok u anki xi zmien qabel kellu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija, w dana skond it-Tieni Kap. ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

Semghet fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2004 it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor. Manuel Mallia ghall-hati u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Anthony Barbara;

Rat il-fedina penali netta tal-hati;

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza dwar il-piena (li jinsabu registrati) u inkluzi s-segwenti :- li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati il-hati ma kienx ghadu ghalaq l-eta’ ta’ tmintax il-sena w kellu biss hmistax il-sena w nofs u cioe’ aktar vicin l-eta’ ta’ erbatax (14) il-sena milli dik ta’ tmintax (18) il-sena; li l-gurija accettat li hu kien gie mdawwar u li hu kien inqabad f’ sitwazzjoni fejn kellu jiddefendi lilu nnifsu u mhux mar hemm biex jiggieled ; li wara l-akkadut hu kien inkwieta ruhu b’ dak li kien gara w ma setax izomm dik il-haga go fih , tant li sahansitra beka’ fil-van fi triqtu lura lejn id-dar u kien staqsa l-vittma x’ seta’ gralu u li dan juri atteggjament ta’ bniedem li mhux membru hazin tas-socjeta’; li din kienet it-tielet jew ir-raba’ darba li kien hareg wahdu ; li hemm persuna bi bzonnijiet specjali fil-familja li hu jiehu hsiebu ; kif ukoll li kien ghamel xi tlitt xhur taht arrest preventiv u li nstab hati taht it-tieni kap ghaliex ma kienux jirrikorru l-estremi tal-legittima difesa pura u semplici izda kien hemm eccess. Li dan ma kienx kaz fejn ghandu jinghata xi messagg lis-socjeta’ w li fedina penali tal-hati kienet wahda netta.

Hadet in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li l-kawza principali ta’ dak li gara kien dovut ghall-fatt li l-hati kellu l-pussess ta’ mus u kieku ma ntuzax il-mus ma kien jigri xejn minn dan. Ghalhekk iz-zaghzagh riedu jifhmu li dak li gara kien serju hafna ;

Ikkonsidrat ;

Illi skond l-artikolu 233 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-piena ghar-reat ta’ ferita gravi meta din tkun skuzabbli skond l-artikoli 227 (d) u 230 (d) u cioe’ meta issir minn persuna illi fil-waqt li tkun qed tagixxi taht il-

bzonn attwali tad-difiza legittima taghha nnifisha skond l-artikolu 223 , tohrog barra mill-limiti imposti mill-ligi jew mill-awtorita' jew mill-bzonn, m'ghandhiex tkun aktar minn terz tal-piena stabbilita ghad-delitt minghajr skuza. Imbaghad skond l-artikolu 37 tal-Kap.9 , jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena , il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn ;

Izda fil-waqt li hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha fuq imsemmija favur l-akkuzat , il-Qorti pero', mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li minhabba d-decizjoni tal-hati li jirrikorri ghall-uzu tal-arma meta dan ma kienx mehtieg , spiccat li ntemmet il-hajja ta' zaghzugh iehor , missier tarbija w li dan l-agir ma jistax ma jigix punit skond il-ligi , sija pure f'mizura ferm temperata ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi , il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 22, 23, 31(1)(b), 37, 220(1)(a), 223, 227(d), 230(d), 233(1)(a) u 533 tal-Kap.9 u l-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap.66, tikkundanna lill-hati Glen Pullicino ghall-piena komplessiva ta' tlitt (3) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta' taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elf tlett mija w erba w tlettin lira Maltin u hames centezmi (LM1334.05c) rapprezentati l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali u finalment tordna l-konfiska tal-mus esebit .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------